MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2004

Appell Civili Numru. 4/2003

**George Vella**

**vs**

**Paul Fenech Furniture & Doors Manufacturer**

**Il-Qorti,**

Fid-9 ta' Ottubru 2003 it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentat fil-25 ta' Novembru 2002 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' elf u hames mitt Lira Maltin (Lm1500) rapprezentanti deposit li ghamel fuq ghamara liema ghamara qatt ma giet ikkonnsenjata.

L-intimat ipprezenta Risposta ghal din it-talba pero` m'attendiex ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ikkunsidra s-segwenti:-

1. Ir-Rikorrenti kien ghamel deposit ta' elf u hames mitt Lira Maltin (Lm1500) fuq ghamara li l-Intimat kellu jlesti sa certu zmien. Sal-gurnata ta' llum anke sas-sentenza l-ghamara ma gietx ikkonsenjata u ghalhekk qed jitlob il-flus lura.

2. L-Intimat minkejja li kien notifikat ma ssottomettiex Risposta u m'attendiex ghas-seduta minkejja li kien notifikat bl-avviz tas-smiegh.

3. It-Tribunal wara li sema lir-Rikorrenti, jinnota li l-versjoni hija kredibbli.

Ghal dawn il-motivi:-

It-Tribunal tilqa' t-talba tar-rikorrenti u jordna lill-Intimat ihallas l-ammont ta' elf u hames mitt Lira Maltin (Lm1500) bl-ispejjez kontra l-istess Intimat."

Ir-rikorrent Paul Fenech appella kontra din id-decizjoni b'dawn l-aggravji:-

1. It-Tribunal iddecieda l-kaz quddiemu bla ma sema' l-verzjoni tieghu.

2. Huwa qatt ma rceva l-avviz tal-appellat u kien ghalhekk li ma ntavola l-ebda risposta. F'kull kaz l-anqas li seta' jaghmel it-Tribunal kien dak li jiehu gharfien tal-ispjegazzjoni fornita minnu b'ittra registrata qabel ma nbdiet il-procedura.

3. It-Tribunal ma seta' qatt jikkundannah ihallas ammont in eccess ta' dak ricevut minnu minghand l-appellat. F'kull kaz messu ttiehed qies tal-fatt illi l-appellat kien accetta l-bieb ta' barra li jiswa hames mitt lira (Lm500).

4. It-Tribunal ma evalwax sew il-provi prodotti u d-decizjoni tieghu hi 'ultra petita', oltre li hi afflitta minn qerq adoperat mill-appellat billi dan ma setax jitlob ghall-hlas lura ta' ammont in eccess ta' dak minnu mhallas.

Ir-rejazzjoni tal-appellat ghal dawn l-aggravji hi fis-sens li l-appell interpost ma jissodisfax l-elementi rikjesti mil-ligi sabiex jigi ntavolat appell minn decizjoni tat-Tribunal u ghalhekk dan ghandu jitqies null.

Jibda biex jigi osservat illi skond l-Artikolu 22(2) ta' l-Att XXVIII ta' l-1994 dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, appell lil din il-Qorti minn decizjoni tat-Tribunal hu konsentit <u>biss</u> meta t-Tribunal ikun mar kontra d-dettami tal-gustizzja naturali, u dik l-azzjoni tkun ippregudikat b'mod gravi l-jeddijiet ta' min jappella.

Jissokta jigi provvdut f'dan l-istess subinciz (2) illi meta din il-Qorti taqta' li l-appell ikun fondat u gustifikat, din kellha thassar id-decizjoni tat-Tribunal u ghandha hi stess taqta' t-talba originali u kull kontro-talba skond kif jipprovdi l-istess Att. Jigifieri, kif precizat fl-Artikolu 21 "<u>skond kull meritu u gustizzja sostantiva tal-kaz, u skond l-ekwita`</u>."

Indubbjament il-kliem tal-ligi fuq sottolinejati jipprospettaw analisi u valutazzjoni xierqa u gusta tal-fatti provati migjuba quddiem it-Tribunal bil-konsegwenza li jekk tali valutazzjoni ma tirrizultax manifestament parzjali u ngusta din il-Qorti ma kellhiex tissindika l-operat tat-Tribunal. Aggravju bazat fuq dan it-tip ta' lment ikun allura insostenibbli u anzi improponibbli. Ara f'dan is-sens sentenza fl-ismijiet "**Charles Sultana et -vs- A.C.K. Ltd.**", 27 ta' Ottubru 2000.

Premessi dawn l-aspetti din il-Qorti trid tara jekk l-appell jinkwadrax ruhu fil-parametri ristretti fejn kien konsentit appell lil din il-Qorti mid-decizjoni tat-Tribunal.

Jibda biex jigi osservat illi ma jirrizultax li t-Tribunal f'dan il-kaz b'xi mod mar kontra d-dettami tal-gustizzja naturali kif mifhuma mill-Qrati taghna fuq il-principji tramandati lilna mid-Dritt Pubbliku Ingliz. Dan ghallanqas mill-punto di vista procedurali minn ezami ta' l-atti processwali. Jirrizulta in effetti mill-atti illi l-avviz gie notifikat lill-appellant fis-27 ta' Novembru 2002 u dan sahanistra ntavola wkoll risposta fit-12 ta' Dicembru 2002. Irrizulta wkoll li gie notifikat biex jidher quddiem it-Tribunal ghas-seduta prefissa tal-5 ta' Gunju 2003 izda mbaghad naqas li jidher mhux biss ghal din is-seduta izda anke ghal dik sussegwenti tat-3 ta' Lulju 2003. Ma jistax allura jkun dubitat illi l-appellant inghata kull opportunita` ta' smiegh xieraq quddiem it-Tribunal kemm biex jipprezenta l-kaz tieghu kif ukoll biex jipproduci l-provi.

Purament minn din l-ottika allura ma kien hemm l-ebda ksur tal-principji tal-gustizzja naturali fis-smiegh tal-kawza, u allura wkoll mhux il-kaz li din il-Qorti tinoltra ruhha fit-tieni aspett tal-gravita` tal-pregudizzju ghax, gjaladarba ma nstabx li t-Tribunal mar kontra l-imsemmi principju fil-kondotta tal-procedura quddiemu, tonqos l-azzjoni li ggib il-pregudizzju u, anzi, mill-atti nfushom dan l-istess pregudizzju hu eskluz.

Mill-banda l-ohra l-Qorti ezaminat ukoll id-decizjoni ta' l-Arbitru biex tara jekk it-Tribunal kienx parzjali fl-apprezzament tieghu. Dan proprju biex tara jekk in raguni ghall-istess regoli bazilari tal-gustizzja naturali, li kellhom dejjem jigu osservati, anke fi process kwazi-gudizzjarju, l-partijiet in kawza nghatawx almenu s-sodisfazzjoni minima tar-raguni li wasslet lill-Arbitru ghad-decizjoni tieghu, u jekk allura, issa minn din il-perspettiva, d-decizjoni kienetx ir-rizultat ta' motivazzjoni meqjusa ta' dak sottomess lilu mill-partijiet, rigwardata wkoll mill-aspett tad-dritt ekwitattiv u tal-gustizzja sostanzjali. Materja din li mhiex eskluza mill-funzjoni ta' din il-Qorti li tezamina u tiddeciedi dwarha. Ara "**Carmel Gerada -vs-**

**Charles Borg Barthet (Beta Centre)**", Appell, 29 ta' Jannar 1999. Dan ghaliex kif inghad proprju f'din is-sentenza "huwa wkoll principju ta' gustizzja naturali illi l-gudikant ghandu jiddeciedi "iuxta allegata et probata" u ma jistax jiddeciedi manifestament u ovvjament kontra dak li gie quddiemu provat".

It-Tribunal jitlaq mill-punt ta' partenza illi l-appellat odjern talab danni ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1500) rapprezentanti depozitu li ghamel fuq ghamara li qatt ma giet ikkonsenjata. Fuq dan imbaghad jibbaza l-motivazzjoni tieghu. Dan wara li jinnota wkoll illi l-verzjoni tal-appellat hija kredibbli.

Issa kemm mill-avviz innifsu u l-verzjoni tal-appellat bazata certament fuq il-kontenut ta' dan l-avviz u tal-atti l-ohra attendibbli, fosthom il-kuntratt ta' ftehim tax-xoghlijiet li kellhom isiru (17 ta' Mejju 2001) ma jirrizultax illi d-depozitu li tieghu l-appellat kien qed jitlob ir-rifuzjoni kien dak ta' elf u hames mitt lira (Lm1500), kif deciz mit-Tribunal, izda s-somma ta' elf lira Maltija (Lm1000). Dan johrog car anke mill-ittra tal-appellat innifsu tat-22 ta' Lulju 2002, esebita fl-atti.

Mhux hekk biss pero. Fl-avviz innifsu, kif ukoll fl-ittra (6 ta' Awissu 2002) ta' Louis E. Zammit tal-Ghaqda tal-Konsumaturi, jirrizulta li l-appellant kien lesta, u kkonsenja wkoll, il-bieb ta' barra komplut. Dan il-bieb ta' barra skond il-quotation tal-21 ta' April 2001 kien stmat erba mija u hamsin lira (Lm450). Eppure t-Tribunal ma hax konjizzjoni lanqas ta' din il-prova, hekk accettata u ammessa mill-appellat stess fil-korp tal-avviz tieghu.

Ghall-Qorti allura s-sentenza mhux biss ma kienetx adegwata izda lanqas taspira ghal dik il-gustizzja sostanzjali li ssemmi l-ligi. Ghax jekk il-verzjoni kienet kredibbli ghat-Tribunal din riedet necessarjament u logikament tirrizulta hekk fil-qafas tal-att promotorju u tal-atti l-ohra attendibbli, anke jekk stess l-appellant naqas li joffri x-xhieda tieghu. Jigi allura li d-decizjoni tat-Tribunal kienet parzjali in kwantu bazata fuq fatti li ma kienux sostnuti mill-provi prodotti u lanqas fondata fuq il-

konsiderazzjoni tal-fatti kollha migjuba ghall-attenzjoni tat-Tribunal mill-istess appellat.

In bazi ghal konsiderazzjonijiet suesposti din il-Qorti qed thassar id-decizjoni tat-Tribunal u qed taqta' t-talba originali ta' l-appellat billi, bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 21, tordna lill-appellant jirrifondi lura lill-appellat is-somma ta' hames mija u hamsin lira Maltija (Lm550). L-ispejjez tal-prezenti procedura in vista tac-cirkostanzi kollha tal-kaz ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------